# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 6 ta' Lulju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 122/2021 CL

**Smina Poultry Products Ltd C22868**

**VERSUS**

**7 Steps Company Limited C56470**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-19 ta' April, 2021 fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi iddikjarata debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn, mija u disgha u tmenin euro u sebgha u hamsin centezmu (€2,189.37), ghal prodotti tat-tigieg suppliti fuq medda ta' diversi xhur u spejjez tal-ittra legali tat-12 ta' Novembru 2020. Jordna lis-socjeta thallas lis-socjeta konvenuta is somma ta' €2189.37 bl-imghaxijiet legali kummercjali mid-data tal-intavolar ta' dawn il-proceduri u bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru. Minkejja li s-socjeta attrici interpellat lis-socjeta konvenuta diversi drabi anke permezz tal-ittra legali fejn intbghatet ukoll rendikont, baqghet moruza.

Rat ir-rispostaipprezentata fl-10 ta' Mejju 2021 fejn is-socjeta konvenuta qalet illi t-talba kellha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha ghax fl-ewwel lok kienu infondanti fil-fatt u fid-dritt u fit-tieni lok s-socjeta konvenuta dejjem halset il-pagamenti dovuti kif ser jkun provat waqt il-kawza.

Semghet ix-xhieda ta' Shawn Rissio direttur tas-socjeta konvenuta li qal illi hU kien jiehu xoghol minghand s-socjeta attrici ghal hanut tat-Turkish Kebabs u kien hallas kollox, ma kien hemm xejn pendenti. Meta kienu jgibu x-xoghol il-hanut, Caroline kienet tati lil haddiema l-invoice u tithalllas cash. Caroline kienet tahdem mas-socjeta attrici. Hu kien ilu zmien jitlob statement izda qatt ma tawh statement u hu hallas lil Caroline izda hi m'ghaddidtx il-flus lil-kumpanija. Il-kumpanija inssistit li ghandu jhallas u jekk kien hallas lil Caroline kellu jaghmel rapport lil Pulizija izda hu hass illi din ma kinitx taghmel sens ghax kienet impjegata tal-kumpanija. Qabel it-18 ta' Awissu 2019, kien jaf illi kien hemm kont ta' €1150  izda kien hallas lil Caroline dan l-ammont.

Ra l-affivavits ta' Anette Rodoli, li hija dirrettur u azzjonista tas-socjeta Smina Poultry Products Ltd, u Anthony Muscat illi jahdem bhala Sales consultant. Is-socjeta attrici kienet tbiegh il-prodotti tat-tigieg lis-socjeta konvenuta, li kienu waqghu lura fil-pagamenti u kien hemm €2165.77 pendenti, skond ir-rendikont mmarkat TK1 li kien tat-Turkish Kebab u TK2 li kien ta' Shawn's Pastizzeria, li kienu t-tnejn tas-socjeta konvenuta. Huma kienu ilhom jitolbu l-hlas u wara li kienu bghatu ukoll ittra bl-avukat mmarkat Dok SP1, Shawn Rissiot kien ghamel kuntatt maghhom u ghalkemm kien qieghed jaqbel mal-kont ta' Shawn's Pastizzeria hu ma qabilx mal-kont tat-Turkish Kebabs ghax skod hu, kien hallas lil Caroline Buhagiar li kienet impjegata taghhom u ghalhekk dawn kellhom jinqatghu mill-kont. Hu ma kellux ircevuta jew prova ta' dan il-hlas. Anthony Muscat kien iltaqa' ma' Shawn Rissiot flimkien ma' Caroline Buhagiar dwar dan izda hu baqa' jinsisti li kien ghaddilha l-flus waqt li hi insistit li dan ma kienx minnu, izda ircevuta ma kienx hemm.Smina qatt ma irceviet dan il-flus u ghalkemm Shawn kien accetta li kien hemm parti mill-bilanc dovut xorta ma kien ghamel ebda pagament. Fil-kontro ezami giet ikkonfermata illi Caroline Buhagiarli kienet il contact person mas-socjeta konvenuta. L-inkiwet inqala' ghax skond Shawn Rissiot hu kien ghaddielha l-pagament imma hi ma tatux rcevuta. Hi kienet tkecciet mis-socjeta attrici minhabba nuqqas ta' performance minhabba li ma lahqitx it-targets.

Ra l-afffidavit ta' Shawn Rissiot, kif ukoll l-affidavit ulterfjuri tieghu, fejn qal illi hu kien fetah hanut tat-Turkish Kebabs flimkien ma Ayub Elsikli li kien ingagga s-soceta attrici biex tissupplixi t-tigieg. Elsikli kien jikkomunika direttament ma' Caroline Buhagiar li kienet sales rep ta' Smina li kienet taghti l-prodotti on credit sa meta telaq Eliskli f'Awwissu 2019. Ftit wara kienet kelmitu Caroline u qaltlu li kien hemm kont ta' €1150 ghal prodotti li kien ordna Eliskli u li kien ghadu pendenti. Hu kien ghamel ftehiem ma' Caroline sabiex jaqta' dan il-kont f'erba' pagamenti u ghalkemm kien saqsa ghal ircevuta Caroline qaltlu li ma setghetx taghmlu ghax il-hlas kien qieghed jsir ghal invoice antik, u ghalkemm weghditu statement dan qatt ma wasal. Kien ftiehem ukoll sabiex minn dakinhar il-quddiem il-hlas kellu jsir immedjatament fil-flus kontanti u ghalhekk il-prodotti li gew delivered wara Awwissu 2019 kienu thalsu fil-pront. Wara Novembru 2019 ma baqax jixtri prodotti minghand Smina u meta wara xi sena kien ircieva ittra legali, kien tkellem mal-kumpanija li kienu ssugerewlu biex jaghmel rapport lil pulizija dwar Caroline, li ma kinitx ghada tahdem maghhom, izda hu hass illi kellhom jkunu huma li jaghmlu r-rapport. Bejn Dicembru 2020 u Frar 2021, hu kien attenda ghal laqgha u li l-statements ma kienux aggornati, fejn Caroline kienet ammetiet illi kienet tigbor flus kontanti mill-klijenti u ma kintix dejjem taghtihom ircevuta tant illi Anthony Muscat kien kellmu wara l-laqgha u qallu li kien hemm xi tbabis u heggu biex jmur jaghmel rapport, izda la hukien hallas, ghalih l-istorja kellha tieqaf hemm. Anderson Jose Munoz Arandia xehed permess ta' affidavit li kien jahdem ma' Shawn's Pastizzeria u li jaf illi Caroline Buhagiar kienet taghmel delivery tal-prodotti tat-tigieg u li kienet tirrifjuta li thalli l-prodotti jekk ma tithallasx b'mod immedjat u jekk ma kellhomx bizzejjed flus kienet tiehu l-prodotti lura. Hu kien saqsa ghal statement kemm il-darba izda qatt ma taghtu statement.Fil-kontro ezami hu qal illii ra lil Caroline xi darbtejn u kien talabha l-istatement ghax Shawn kien qallu biex jitlobomlha jekk jarha. Jaf li kien hemm zewg okkazzjoniiet li ma riditx thalli l-proditti jekk ma tithallasx.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda jidher illi mhux kontestat illi s-socjeta attrici kienet tissuplixxi lis-socjeta konvenuta bil-prodotti ta' tigieg u li kull l-hlas kien jithallas lil Caroline Buhagiar li kienet il sales rep tas-socjeta attirici. Li hu ikkontestat huwa illi skond is-scojeta konvenuta, hu kien ghadda l-pagamenti kollha lil Caroline Buhagiar izda din ma kinitx ghaddiet il-flus lil-kumpanija u qatt ma taghtu ircevuta. Caroline Buhagiar ma kinitx ghada impjegata tas-socjeta atttrici u kienet tkecciet miinhabba li ma kinitx lahqet it-targets u hadd mill-partijiet ma sejjahha sabiex tixhed f'dawn il-proceduri. Ghalhekk it-Tribunal ser jiddeciedi din il-kawza skond ix-xhieda u d-dokumenti li gew ezebiti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur in parte u jikkundana lil socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, mija u disgha u tmenin euro u sebgha u tlettin centzmu €2189.37 u tichad it-talba ghal hlas ta' €23.60 stante li fid-dokument li gie ipprezentat m'hemmx indikazzjoni kemm hu l-ammont tal-ittra legali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**